DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/43/KE

ta' l-4 ta' April 2008

li twaqqaf, skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE, sistema għall-identifikazzjoni u t-traċċabilità ta' l-isplussivi għall-użi ċivili

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tqegħid fis-suq u s-sorveljar ta' splussiv għall-użu ċivili [1] u b'mod partikolari it-tieni sentenza tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 93/15/KEE tistipula regoli li jiżguraw iċ-ċirkulazzjoni taħt sikurezza u sigurtà ta' l-isplussivi fis-suq komunitarju.

(2) Kif stipulat f'dik id-Direttiva, huwa neċessarju li jkun żġurat li l-impriżi fis-settur ta' l-isplussivi jippossedu sistema li żżomm traċċi ta' l-isplussivi sabiex tkun tista' tidentifika dawk li għandhom l-isplussivi fi kwalunkwe żmien.

(3) Identifikazzjoni unika ta' l-isplussivi hija essenzjali jekk rekords preċiżi u sħaħ ta' l-isplussivi jridu jinżammu fl-istadji kollha tal-katina ta' provvista. Dan għandu jippermetti l-identifikazzjoni u t-traċċabilità ta' l-isplussiv missit tal-produzzjoni u l-ewwel tqegħid tiegħu fis-suq sa l-utent finali tiegħu u l-użu tiegħu bil-ħsieb li jkun evitat l-użu ħażin u s-serq u tingħata għajnuna lill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi fit-traċċabilità ta' splussivi mitlufa jew misruqa.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija stabbilit skond l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 1993/15/KEE.

[1] ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva twaqqaf sistema armonizzata għal identifikazzjoni unika u t-traċċabilità ta' l-isplussivi għal użi ċivili.

Artikolu 2

Ambitu

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal dawn li ġejjin:

(a) Splussivi trasportati u fornuti mhux ippakkjati jew fi trakkijiet bil-pompi biex jinħattu direttament fil-fornelli tal-mina;

(b) Splussivi manifatturati fuq is-siti ta' l-isplużjoni, u li jitgħabbew immedjatament wara li jkunu prodotti (produzzjoni "in situ");

(ċ) munizzjon

KAPITOLU 2

IDENTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT

Artikolu 3

Identifikazzjoni unika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi fis-settur ta' l-isplussivi li jimmanifattura jew jimporta l-isplussivi jew jgħaqqdu d-detonaturi għandhom jimmarkaw l-isplussivi u kull unità ta' l-ippakkjar sa l-iżgħar waħda b'identifikazzjoni unika.

Fejn splussiv huwa soġġett għal proċessi ulterjuri ta' manifattura, il-manifatturi ma għandhomx jintalbu jimmarkaw l-isplussiv b'identifikazzjoni unika ġdida ħlief jekk l-identifikazzjoni unika oriġinali ma baqgħetx immarkata iżjed b'konformità ma' l-Artikolu 4.

2. Il-Paragrafu 1 ma għandux japplika fejn l-isplussiv huwa mmanifatturat għall-esportazzjoni u huwa mmarkat b'identifikazzjoni skond ir-rekwiżiti tal-pajjiż ta' importazzjoni, li tippermetti traċċabilità ta' l-isplussiv.

3. L-identifikazzjoni unika għandha tkun magħmula minn komponenti deskritti fl-Anness.

4. Kull sit tal-manifattura għandha tingħata kodiċi ta' 3 figuri diġitali mill-awtorità nazzjonali ta' l-Istati Membri fejn hija stabbilita.

5. Fejn is-sit tal-manifattura jinsab barra l-Komunità, il-manifattur minħabba li huwa stabbilit fil-Komunità għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtorità nazzjonali ta' l-Istat Membru li qed jimporta sabiex is-sit tal-manifattura tingħata kodiċi.

Fejn is-sit tal-manifattura jinsab barra l-Komunità u l-manifattur mhuwiex stabbilit fil-Komunità, l-importatur ta' l-isplussivi kkonċernati għandu jagħmel kuntatt ma' l-Istat Membru li qed jimporta sabiex is-sit tal-manifattura tingħata kodiċi.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri li jippakkjaw mill-ġdid l-isplussivi jiżguraw li l-identifikazzjoni unika titwaħħal fuq l-isplussiv u fuq l-iżgħar biċċa ta' l-ippakkjar.

Artikolu 4

Immarkar u twaħħil

L-identifikazzjoni unika għandha tkun immarkata fuq l-oġġett ikkonċernat jew imwaħħla sewwa fuqu b'mod li jibqa' matul iż-żmien sabiex ikun żgurat li hija tkun tista' tinqara ċar.

Artikolu 5

Splussivi f'skartoċċ u splussivi fi xkejjer

Għall-isplussivi bl-iskartoċċ u l-isplussivi fi xkejjer, l-identifikazzjoni unika għandha tikkonsisti f'tikketta adeżiva jew stampar dirett fuq kull skartoċċ jew xkora. Tikketta assoċjata għandha titqiegħad fuq kull kaxxa ta' skratać.

Barra minn hekk, l-impriżi jistgħu jużaw tikketta elettronika ta' materjal inerti u passiv imwaħħla ma' kull skartoċċ jew xkora u bl-istess mod, titwaħħal tikketta elettronika assoċjata fuq kull kaxxa ta' skratać.

Artikolu 6

Splussivi b'komponent ta' bi tnejn

Għall-isplussivi b'komponent ta' bi tnejn, l-identifikazzjoni unika għandha tikkonsisti f'tikketta adeżiva jew stampar dirett fuq kull unità ta' l-ippakkjar sa l-iżgħar waħda li fiha ż-żewġ komponenti.

Artikolu 7

Detonaturi sempliċi u fjusijiet

Għad-detonaturi sempliċi jew il-fjusijiet, l-identifikazzjoni għandha tikkonsisti f'tikketta adeżiva jew stampar dirett jew timbru fuq il-qoxra tad-detonatur. Tikketta assoċjata għandha titwaħħal fuq kull kaxxa ta' detonaturi jew fjusijiet.

Barra minn hekk, l-impriżi jistgħu jużaw tikketta elettonika ta' materjal inerti u passiv imwaħħla ma' kull detonatur jew fjus, u titwaħħal tikketta elettronika assoċjata fuq kull kaxxa ta' detonaturi jew fjusijiet.

Artikolu 8

Detonaturi elettriċi, mhux elettriċi u elettroniċi

Għad-detonaturi elettriċi, mhux elettriċi u elettroniċi, l-identifikazzjoni unika għandha tikkonsisti jew f'tikketta adeżiva fuq il-wajers jew it-tubu, jew tikketta adeżiva jew stampar dirett jew timbru fuq il-qoxra tad-detonatur. Tikketta assoċjata għandha titwaħħal fuq kull kaxxa ta' detonaturi.

Barra minn hekk, l-impriżi jistgħu jużaw tikketta elettronika ta' materjal inerti u passiv imwaħħla ma' kull detonatur u tikketta assoċjata fuq kull kaxxa ta' detonaturi.

Artikolu 9

Kapsijiet u aċċelleraturi ta' l-isplużjoni

Għall-kapsijiet u l-aċċelleraturi ta' l-isplużjoni, l-identifikazzjoni unika għandha tikkonsisti f'tikketta adeżiva jew stampar dirett fuq il-kaps u l-aċċelleratur ta' l-isplużjoni. Tikketta assoċjata għandha titwaħħal fuq kull kaxxa tal-kapsijiet u l-aċċelleraturi ta' l-isplużjoni.

Barra minn hekk, l-impriżi jistgħu jużaw tikketta elettronika ta' materjal inerti u passiv imwaħħla ma' kull kaps jew aċċelleratur ta' l-isplużjoni u tikketta assoċjata fuq kull kaxxa tal-kapsijiet u l-aċċelleraturi ta' l-isplużjoni.

Artikolu 10

Miċeċ tad-detonazzjoni u fjusijiet tas-sikurezza

Għall-miċeċ tad-detonazzjoni u l-fjusijiet tas-sikurezza, l-identifikazzjoni unika għandha tikkonsisti f'tikketta adeżiva jew stampar dirett fuq ir-rukkel. L-identifikazzjoni unika għandha tkun immarkata kull 5 metri jew fuq l-invilopp estern tal-miċċa jew il-fjus jew in-naħa interna tal-plastik estruż immedjatament taħt il-fibra esterna tal-miċċa jew il-fjus. Tikketta assoċjata għandha titwaħħal fuq kull kaxxa ta' miċeċ ta' detonazzjoni jew fjus.

Barra minn hekk, l-impriżi jistgħu jużaw tikketta elettronika ta' materjal inerti u passiv imdaħħla ġol-miċċa, u tikketta assoċjata fuq kull kaxxa ta' miċeċ jew fjus.

Artikolu 11

Bottijiet u ċilindri li fihom l-isplussiv

Għall-bottijiet u ċ-ċilindri li fihom l-isplussiv, l-identifikazzjoni unika għandha tikkonsisti f'tikketta adeżiva jew stampar dirett fuq il-bott jew iċ-ċilindru li fih l-isplussiv.

Barra minn hekk, l-imprżi jistghu jużaw tikketta elettronika ta' materjal inerti u passiv imwaħħla fuq kull bott u ċilindru.

Artikolu 12

Kopji tat-tikketta oriġinali

L-impriżi jistgħu jwaħħlu kopji tat-tikketta oriġinali adeżivi li jistgħu jinqalgħu fuq l-isplussivi għall-użu tal-klijenti tagħhom. Dawn il-kopji għandhom jidhru b'mod ċar bħala kopji ta' l-oriġinal biex ikun evitat l-użu ħażin.

KAPITOLU 3

ĠBIR U ARKIVJAR TAD-DATA

Artikolu 13

Ġbir ta' data

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi fis-settur ta' l-isplussivi jwaqqfu sistema għall-ġbir ta' *data* f'relazzjoni ma' l-isplussivi inkluża l-identifikazzjoni unika tagħhom matul il-katina kollha ta' forniment u l-eżistenza tagħhom.

2. Is-sistema ta' ġbir ta' *data* għandha tippermetti li l-impriżi jkunu jistgħu jittraċċaw l-isplussivi b'tali mod li dawk li jkollhom l-isplussivi jistgħu jkunu identifikati fi kwalunkwe ħin.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* miġbura inkluži l-identifikazzjonijiet uniċi tinżamm u tkun arkivjata għal perjodu ta' 10 snin wara l-forniment jew meta jkun magħruf fi tmiem ta' l-eżistenza ta' l-isplussiv anke jekk l-impriżi jkunu waqqfu l-attività kummerċjali tagħhom.

Artikolu 14

L-obbligi ta' l- impriżi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi fis-settur ta' l-isplussivi jissodisfaw dan li ġej:

(a) jarkivjaw l-identifikazzjonijiet kollha ta' l-isplussivi, flimkien ma' l-informazzjoni pertinenti inkluži t-tip ta' splussiv, il-kumpanija u l-persuna li ngħatat il-kustodja ta' l-isplussiv;

(b) l-arkivjar tal-lok ta' kull splussiv fil-waqt li l-isplussiv hu fil-possessjoni jew il-kustodja tagħhom sakemm tkun jew trasferita lil impriża oħra jew użata;

(ċ) jittestjaw fuq intervalli regolari s-sistema ta' ġbir ta' *data* sabiex ikun żgurat l-effettività tagħha u l-kwalità tad-*data* arkivjata;

(d) iżommu u jarkivjaw id-*data* miġbura inkluži l-identifikazzjonijiet uniċi għall-perjodu speċifikata fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 13;

(e) jipproteġu d-*data* miġbura kontra kull ħsara aċċidentali jew malizzjuża;

(f) jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti, meta jintalbu, l-informazzjoni li tikkonċerna l-oriġni u l-lok ta' kull splussiv matul l-eżistenza tiegħu u matul il-katina ta' forniment;

(g) jipprovdu lill-awtoritajiet responsabbli ta' l-Istati Membri l-isem u d-dettalji tal-kuntatt ta' persuna li kapaċi tagħti l-informazzjoni deskritta f'punt (f) barra l-ħinijiet normali tan-negozju.

Għall-għan tal-punt d, l-impriża għandha, fil-każ ta' splussivi mmanifatturati jew importati qabel id-data speċifikata fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15 (1), iżżomm ir-reġistri skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali attwali.

KAPITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 15

It-traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn 5 ta' April 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jaslu f'konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-5 ta' April 2012

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 16

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 17

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' April 2008.

Ghall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi President

ANNESS

L-identifikazzjoni unika għandha tkun magħmula minn:

1. parti li tinqara mill-bniedem ta' l-identifikazzjoni li fiha dan li ġej:

   (a) l-isem tal-manifattur;

   (b) kodiċi alfanumeriku li fih:

      (i) 2 ittri li jidentifikaw l-Istat Membru (il-post tal-produzzjoni jew importazzjoni fis-suq Komunitarju, e.g. AT = l-Awstrija);

      (ii) 3 figuri diġitali li jidentifikaw l-isem tas-sit ta' manifattura (mogħti mill-awtoritajiet nazzjonali);

      (iii) il-kodiċi ta' prodott uniku u l-informazzjoni loġistika mfassla mill-manifattur;

2. identifikazzjoni elettronika li tinqara f'format ta' *barcode* u/jew *matrix code* li għandu x'jaqsam direttament mal-kodiċi ta' identifikazzjoni alfanumeriku.

   Eżempju:

3. Ghal oġġetti żgħar ħafna biex jitwaħħlilhom kodiċi ta' prodott uniku u informazzjoni loġistika mfassla mill-manifattur, l-informazzjoni taħt 1 (b) (i), 1 (b) (ii) u 2 għandha titqies suffiċjenti.